# Iċ-Ċifri tal-Finanzi tal-Gvern: Jannar 2025

NR 036/2025 Data tal-Ħruġ: 28 ta’ Frar 2025

*Fi tmiem Jannar 2025, il-Fond Konsolidat tal-Gvern irreġistra defiċit ta’ €185.7 miljun.*



F’Jannar 2025, id-Dħul Rikorrenti ammonta għal €395.8 miljun, €50.2 miljun inqas minn dak li kien irrappurtat sena qabel. L-akbar tnaqqis kien irreġistrat fit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (€44.5 miljun), fl-Għotjiet (€34.8 miljun) u fid-Dħul mixxellanju (€6.3 miljuni). Min-naħa l-oħra, kien irrappurtat dħul ogħla fis-Sigurtà Soċjali (€30.9 miljun), fil-Bejgħ ta’ Servizzi (€3.6 miljuni) u fit-Taxxa tad-Dħul (€1.3 miljun).

F’Jannar 2025, in-nefqa totali laħqet €581.4 miljun, li hija €53.1 miljun aktar mis-sena ta’ qabel.

Fiż-żmien ta’ riferenza, in-Nefqa Rikorrenti kienet ta’ €546.6 miljun, li hija żieda ta’ €59.2 miljun meta mqabbla mal-€487.4 miljun li kienu rrappurtati sena qabel. Iż-żieda ta’ €29.9 miljun fil-Kontribuzzjonijiet għall-Entitajiet tal-Gvern kellha l-akbar sehem f’din iż-żieda. Kontribuzzjonijiet ogħla kienu, fost oħrajn, mogħtija lill-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (€11.3-il miljun), Aġenzija Sapport (€6.8 miljuni) u Aġenzija għas-Servizzi tal-Qorti (€6.3 miljuni). Aktar żidiet kienu rreġistrati wkoll fil-Programmi u Inizjattivi (€20.8 miljun) u fis-Salarji u Pagi (€13.8-il miljun). Bil-maqlub ta’ dan, l-Ispiża tal-Operat naqset b’€5.3 miljuni.

L-iżviluppi ewliena fil-kategorija tal-Programmi u Inizjattivi kienu nefqiet akbar fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (€7.6 miljuni), ir-Riżorsi tal-UE (€5.8 miljuni) u l-Indukrar tat-tfal għal kulħadd (€4.3 miljuni).

Il-parti tal-imgħax tal-ispejjeż tal-manutenzjoni tad-dejn pubbliku laħqet b’kollox €23.1 miljun, żieda ta’ €3.3 miljuni meta mqabbla mas-sena ta’ qabel.

Matul Jannar 2025, in-nefqa kapitali tal-Gvern ammontat għal €11.8-il miljun, li hija €9.4 miljuni inqas meta mqabbla mal-istess żmien fl-2024. It-tnaqqis fl-infiq kien irreġistrat fuq l-Kostruzzjoni u t-titjib tat-toroq (€6.9 miljuni), il-Faċilitajiet marittimi (€2.9 miljuni) u l-Proprjetà, Impjant u Tagħmir (€2.7 miljuni). Min-naħa l-oħra, kien hemm żidiet għas-Sistemi tal-Immaniġġjar tal-Identità Nazzjonali (€1.6 miljun) u l-Inċentivi għall-Industrija tal-films (€1.3 miljun).

Id-differenza bejn id-dħul u l-infiq totali wriet defiċit ta’ €185.7 miljun fil-Fond Konsolidat tal-Gvern fi tmiem Jannar 2025, żieda ta’ €103.4 miljuni mid-defiċit ta’ €82.3 miljun li kien irreġistrat is-sena ta’ qabel. Din id-differenza tirrifletti tnaqqis fid-Dħul Rikorrenti totali (€50.2 miljun) u żieda fin-nefqa sħiħa, li hija magħmula min-Nefqa Rikorrenti (€59.2 miljun), l-Imgħax (€3.3 miljuni) u n-Nefqa Kapitali (-€9.4 miljuni) (Tabella nru 1).

Fl-aħħar ta’ Jannar 2025, id-dejn tal-Gvern Ċentrali kien ta’ €10,562.5 miljun, żieda ta’ €803.1 miljuni meta mqabbel ma’ Jannar 2024. Iż-żieda rreġistrata fl-Istokks tal-Gvern ta’ Malta (€791.9 miljun) kienet il-kontribut ewlieni għaż-żieda fid-dejn. Aktar dejn kien irreġistrat ukoll fil-Kambjali tat-Teżor (€82.8 miljun) u fil-ħruġ tal-muniti tal-ewro f’isem it-Teżor (€4.2 miljuni). Fid-direzzjoni opposta, kien hemm tnaqqis fl-Istokks ta’ Tifdil 62+ tal-Gvern ta’ Malta (€25.7 miljun) u fid-Dejn Barrani (€0.1 miljun). Barra minn hekk, investimenti akbar minn fondi tal-gvern fl-Istokks tal-Gvern ta’ Malta wasslu għal tnaqqis ta’ €50.0 miljun fid-dejn (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Is-surplus/id-defiċit fil-Fond Konsolidat: Jannar bis-sena

f’miljuni tal-ewro




## Ċart nru 2. Id-dħul rikorrenti maqsum bil-kategoriji ewlenin

Jannar 2025




## Ċart nru 3. In-nefqa maqsuma bil-kategoriji ewlenin

Jannar 2025

